# HERITAGE MALTA U L-AKKWARJU NAZZJONALI TA' MALTA JTELLGĦU QIEGĦ IL-BAĦAR GĦALL-BERAĦ

**Stqarrija l 12 ta' Diċembru 2024**

Heritage Malta nediet wirja ġdida fl-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta, li toffri vjaġġ immersiv fis-siti li jinsabu f'qiegħ il-baħar tal-Gżejjer Maltin u li jvarjaw minn nawfraġji Feniċi sa fdalijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija.

F'din il-wirja, fis-sular ta' fuq tal-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta, il-viżitaturi jistgħu jogħdsu virtwalment fil-fond tal-Mediterran bl-użu ta' teknoloġija avvanzata. Għodod interattivi, inklużi ologrammi, jagħtu l-opportunità lill-viżitaturi biex jeżaminaw mill-qrib dettalji ta' artefatti u fdalijiet f'qiegħ il-baħar, filwaqt li projezzjonijiet u preżentazzjonijiet awdjoviżivi jipprovdu narrattivi interessanti dwar dawn it-teżori moħbija. Artefatti mill-kollezzjoni nazzjonali huma wkoll parti mill-wirja, u joħolqu rabta tanġibbli ma' dawn il-meravilji ta' qiegħ il-baħar.

Iddisinjata mit-Taqsima tal-Wirt Kulturali ta' Qiegħ il-Baħar fi ħdan Heritage Malta, l-esebizzjoni tirrakkonta ġrajjiet intriganti permezz ta' għodod diġitali avvanzati ppreparati mit-Taqsima tat-Teknoloġija u l-Iżvilupp tal-Esperjenza, biex b'hekk l-inaċċessibbli jsir aċċessibbli. Din l-esperjenza multisensorjali għandha l-għan li tispira viżitaturi ta' kull età, trawwem apprezzament aktar profond għall-istorja marittima ta' Malta u titfa' dawl fuq l-importanza kbira tal-preservazzjoni ta' dawn it-teżori ta' taħt l-baħar għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, stqarr li, "Din il-wirja hija eżempju perfett ta' kif nistgħu ngħaqqdu l-wirt storiku mal-innovazzjoni biex noħolqu rabtiet sinifikanti mal-passat tagħna. Il-wirja tippermetti lill-viżitaturi jinteraġixxu mat-teżori f'qiegħ il-baħar ta' Malta b'modi li qatt qabel ma kienu possibbli, u twessa' l-firxa u l-impatt tal-wirt kulturali tagħna."

Il-Professur Timmy Gambin, Kap tat-Taqsima tal-Wirt Kulturali ta' Qiegħ il-Baħar, qal li, "L-installazzjoni ta' din il-wirja fl-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta turi l-impenn ta' Heritage Malta li twassal is-siti ta' qiegħ il-baħar ta' pajjiżna għand in-nies. Hija wkoll eżempju ewlieni ta' kif il-kollaborazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat tista' toħloq prodotti tal-aqwa kwalità, li jtejbu l-esperjenzi edukattivi kemm għal dawk li jgħixu Malta kif ukoll għat-turisti."

Is-Sur Mark Pace, Direttur għall-Bejgħ u l-Marketing fl-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta, ikkummenta li: "L-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta u Heritage Malta gawdew minn sħubija twila u ta' suċċess, inkluż dan il-proġett riċenti li juri l-wirt ta' qiegħ il-baħar ta' Malta u x-xogħol tat-tim tal-Professur Timmy Gambin. Aħna ottimisti li nwessgħu din l-inizjattiva, u noffru lill-pubbliku perspettiva ġdida dwar l-istorja ta' Malta."

Bħala benefiċċju miżjud, dawk li għandhom il-Multisite Pass ta' Heritage Malta jistgħu jgawdu minn dħul b'xejn fl-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta, filwaqt li l-membri ta' Heritage Malta jibbenefikaw minn skont ta' 50%.

Għal aktar tagħrif tista' żżur is-sit ta' Heritage Malta www.heritagemalta.mt, issegwi l-mezzi soċjali tal-aġenzija, jew iċċempel fuq 2295 4300.

Il-wirt kulturali ta' qiegħ il-baħar ta' Malta jista' jiġi esplorat ukoll hawn www.underwatermalta.org.here www.underwatermalta.org.